MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 13/2003/1

**Visual and Sound Communications Limited**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell interpost mill-Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjoniali u "konvenzjonali" taghha, fit-23 ta' Marzu 2006. Permezz ta' l-imsemmija sentenza dik

il-Qorti ddikjarat "[bil]-mod kif sar ir-*raid* mill-Pulizija fl-1 ta' Ottubru 2001 [gew ivvjolati] d-drittijiet tas-socjeta` attrici[1] kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea", u kkundannat lill-Kummissarju tal-Pulizija ihallas kumpens ta' Lm250 lill-istess socjeta` rikorrenti; dik il-Qorti ordnat ukoll li, fic-cirkostanzi, l-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**2.** Permezz tar-rikors promotorju[2], intavolat fit-12 ta' Mejju 2003, is-socjeta` rikorrenti, illum appellata, fissret li bejn l-1 u t-3 ta' Ottubru 2001, l-*outlets* taghha f'Tas-Sliema, fil-Belt Valletta, f'San Giljan u fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (fil-Gudja) kienu soggetti ghal *raids* tal-Pulizija li

---

[1] Recte: rikorrenti. Jidher li l-Prim Awla wzat il-kelma "attrici" – u l-kelma "konvenut" fir-rigward tal-Kummissarju tal-Pulizija – peress li din il-kawza kienet qed timxi kontestwalment ma' kawza ohra civili (Citaz. nru. 1770/01 TM), inizjata permezz ta' citazzjoni, li fiha s-socjeta` Visual and Sound Communications Limited kienet qed titlob li l-Kummissarju tal-Pulizija jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kagunati lilha bl-istess fatt meritu tal-kawza odjerna, li dawn id-danni jigu likwidati u li l-Kummissarju jigi kkundannat ihallas id-danni hekk likwidati.

[2] Ghandu jigi precizat li dan kien it-tieni rikors presentata mill-imsemmija socjeta` in konnessjoni ma' l-istess fatti. In fatti, fit-8 ta' Novembru 2001 l-imsemmija socjeta` kienet ippresentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili rikors kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u kontra l-Avukat Generali li permezz tieghu kienet allegat u talbet sostanzjalment l-istess haga bhalma qed jigi allegat u mitlub bir-rikors tat-12 ta' Mejju 2003. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, b'sentenza moghtija fl-20 ta' Novembru 2001, iddeklinat milli tezercita s-setghat taghha taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 peress li kienet sodisfatta li s-socjeta` kellha mezzi xierqa ta' rimedju taht il-ligi ordinarja ghall-ksur minnha allegat. Din id-decizjoni tal-Prim Awla giet konfermata minn din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – (diversament komposta) b'sentenza tat-12 ta' Dicembru 2002, li pero` fis-sentenza taghha qalet li kienet qed *"...tirriserva lis-socjeta` appellanti l-fakulta` -- si et quatenus – li tressaq mill-gdid lanjanzi kostituzzjonali fil-kors ta' dawk il-proceduri pendenti* [cioe` fil-kors tal-kawza civili ghad-danni – ara nota *in calce* nru. 1 *supra*] – *skond il-gurisprudenza kontenuta fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Angelo Spiteri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** *moghtija fis-16 ta' April 1999 (Kollez. Vol. LXXXIII – I, p. 15). Dana biex fid-dawl ta' l-izviluppi li jistghu jitnisslu mill-approfondiment tal-provi migbura, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tkun tista' tirriezamina l-posizzjoni u tipprocedi kif jidhrilha gust u xieraq. A skans ta' ekwivoci, il-meritu tar-rikors promotur din il-Qorti qed thallih kompletament impregudikat kif ghandu jibqa' impregudikat ukoll id-dritt spettanti lill-intimati."* Permezz ta' din is-sentenza wiehed jifhem li din il-Qorti (diversament komposta) kienet qed tirreferi ghall-possibilita` li, fil-kors tal-kawza civili ghad-danni, is-socjeta` Visual and Sound Communications Limited, tqajjem kwistjoni jew kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali, ossia ta' ksur tad-drittijiet fondamentali. Dak li gara kien, kif ga nghad, li s-socjeta` in kwistjoni regghet ipproponiet sostanzjalment l-istess rikors tat-8 ta' Novembru 2001 quddiem il-Prim Awla (bid-differenza li din id-darba dan gie propost biss fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija u mhux ukoll fl-konfront ta' l-Avukat Generali), liema rikors beda jinstema mill-Prim Awla tal-Qorti Civili kontestwalment mal-kawza ghad-danni. Ma tqajjmet ebda kwistjoni da parti ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija dwar il-procedura addottata mis-socjeta` appellata odjerna.

elevaw diversi DVD's (eventwalment kollha ritornati lilha), liema elevazzjoni saret minghajr gustifikazzjoni fil-ligi. Ir-rikors, fil-parti l-aktar relevanti tieghu, ikompli hekk:

**"Illi l-lanjanza kostituzzjonali hija fis-sens illi l-Pulizija agixxiet b'mod diskriminatorju fis-sens illi filwaqt illi l-outlets kollha ohra f'Malta li jbieghu prodott DVD legittimu bhal dak li gie maqbud minghand l-esponenti qed jithallew joperaw regolarment u l-azzjoni ta' elevazzjoni kif ukoll illi nghalqu l-hwienet bid-danni kollha attinenti kummercjali saret biss fil-konfront tas-socjeta` esponenti; illi inoltre r-reazzjoni tal-Pulizija ghaliex seta' kellhom xi kwerela jew rapport ma' kienet b'ebda mod proporzjonata u wisq anqas konformi ma' kif normalment tirrispondi meta jkollha allegazzjoni ta' xi ksur ta' *intellectual property rights*; dan allura jivvjola d-disposizzjoni ta' l-Art. 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem;**

**"Illi l-operat tal-intimati [3] jivvjola wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319 u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem fis-sens illi l-esponenti giet imfixkla fid-dgawdija tal-posessjonijiet [4] *(biens)* taghha."**

**3.** Fir-risposta tieghu tad-19 ta' Mejju 2003, il-Kummissarju tal-Pulizija wiegeb hekk:

**"Illi l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur fir-rikors promotur peress illi l-elevazzjoni tal-prodotti awdjovizivi imsemmija fir-rikors promotur ma saritx fuq decizjoni tieghu jew ta' xi membru tal-Korp tal-Pulizija izda saret fuq ordni ta' Magistrat bhala parti minn inkjesta Magisterjali illi fiha l-Pulizija kienet ordnata mill-Qorti tal-Magistrati illi tassisti. Illi di piu`,**

[3] Kif inghad, issa kien hemm intimat wiehed biss.
[4] Recte: possedimenti.

**stante illi fl-istadju ta' l-Inkjesta ma hemm hadd akkuzat l-esponent ma ghandux l-interess illi huwa jkollu fil-vesti ta' prosekutur biex jiddefendi l-validita` ta' xi decizjoni ta' Qorti li tkun favorevoli ghalih.**

**"Illi s-socjeta` rikorrenti ma sofriet ebda lezjoni tad-dritt fondamentali ta' tgawdija tal-proprjeta` kif provdut fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea billi l-mizura ta' elevazzjoni ta' oggetti ghall-iskopijiet ta' inkjesta dwar possibbli ksur ta' ligijiet penali ma tikkostitwix mizura ta' tehid ta' proprjeta` izda hija mizura ta' kontroll ta' uzu ta' proprjeta` fl-interess generali illi ma tivjolax l-istess artikoli.**

**"Illi l-gustifikazzjoni ghall-elevazzjoni tal-oggetti in kwistjoni hija sancita permezz ta' ordni tal-Qorti tal-Magistrati.**

**"Illi kwantu ghall-allegat ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghandu l-ewwelnett jigi rilevat illi d-dritt ghall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni ma jistax jigi invokat biex jiggustifika agir illegali u ghalhekk ma jistax jigi invokat abbazi ta' pretensjoni li haddiehor ukoll kiser il-ligi. Illi inoltre, is-socjeta` rikorrenti ma spjegatx adegwatament kif qeghda tallega illi sofriet trattament diskriminatorju u ghalhekk ir-rikors ghandu jigi michud bhala karenti minn kwalita` essenzjali ta' l-ispjegazzjoni tal-lanjanza.**

**"Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontriha."**

<u>Is-sentenza appellata</u>

**4.** Fis-sentenza taghha li qed tigi issa appellata mill-Kummissarju tal-Pulizija, l-ewwel Qorti qalet hekk:

"Illi kif inghad, din il-kawza imxiet flimkien mal-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet fuq indikata. Fil-kawza l-ohra is-socjeta' attrici talbet rimedju ordinarju ghal-lanjanzi

taghha, waqt li f'dawn il-proceduri qed tallega li dak l-istess agir tal-Kummissarju tal-Pulizija, kien jilledi d-drittijiet fundamentali taghha protetti bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

"Fil-kuntest tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, il-Qorti tosserva li jista' jkun hemm lezjoni anke jekk l-awtorita` governattiva tkun agixxiet legalment bis-sahha tal-poteri li ghandha. It-trattament ta' dak li jkun jista jkun *"legali"* u awtorizzat bil-ligi, *pero*`, xorta jista' jitqies leziv tad-drittijiet fundamentali ta' dak li jkun. Il-ligi li taghti l-poter ta' azzjoni lil xi awtorita' kompetenti tista' titqies valida u ma tmurx kontra l-kostituzzjoni tal-pajjiz, *pero*`, il-mod tal-esercizzju ta' dak il-poter, ghalkemm ukoll ikun sar fl-ambitu tal-ligi, jista' jkun leziv ghad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, specjalment jekk dak l-agir ma jkunx dak li hu mistenni f'socjeta` demokratika.

"Kif intwera mid-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza fl-istess ismijiet, citazzjoni numru 1770/01, l-agir tal-Pulizija gie meqjus bhala li sar fit-termini tal-ligi, u kien, ghalhekk, li fil-kamp civili, il-Kummissarju tal-Pulizija ma nstabx responsabbli ghad-danni. Fil-fehma tal-Qorti, *pero*`, u dan wrietu anke fid-decizjoni l-ohra imsemmija, il-mod ta' kif giet ezegwita l-ligi kien hazin u ta' hsara ghad-drittijiet tas-socjeta` attrici. Kif inghad, ma inghatatx spjegazzjoni ghalhiex *raid* li beda fil-hamsa ta' wara nofsinhar thalla *"in suspended animation"* ghall-hinijiet twal, sakemm fit-tard tal-lejl gew l-ufficcjali inkarigati biex jaghmlu l-elevazzjoni. Tul dak in-nofs ta' nhar, il-hwienet tas-socjeta' attrici kienu sekwestrati taht il-kontroll tal-Pulizija, negozju ma setghax isir u, fuq kollox, ghad-dannu tar-reputazzjoni tas-socjeta` attrici, thallew Pulizija ghassa mal-hwienet u fil-pubbliku.

"Dan kollu jista' jitqies bhala agir legali, izda zgur ma jistax jitqies bhala agir korrett u *fair* f'socjeta` demokratika. Wiehed ma jridx jinsa li s-socjeta` attrici, sa dak il-hin, kienet biss suspettata b'reat, u *kwindi*, fil-waqt li l-Pulizija kellha d-dritt twettaq il-funzjoni taghha, dan kellha taghmlu b'anqas disturb ghac-cittadin. Jekk l-Ispetturi li kellhom imexxu l-investigazzjoni, ma kienux disponibbli matul il-

guranta tal-1 ta’ Ottubru, 2001, probabbilment ghax kienu impenjati f’xoghol iehor, kellu jigi pospost ir-*raid* jew jigi nkarigat Spettur iehor biex l-investigazzjoni titmexxa bic-celerita` mistennija.

“Il-Qorti jidhrilha li jekk ghandu jsir *raid*, dan ghandu jkun koordinat minn qabel biex, fil-waqt li jmorru ufficcjali tal-Pulizija biex jiehdu kontroll tal-post u jghalquh, l-ispetturi li jkunu qed imexxu l-investigazzjoni ghandhom jakkumpanjawhom sabiex l-istharrig isir immedjatament, il-persuni involuti jigu infurmati bir-raguni tal-investigazzjoni, jigu elevati l-oggetti relatati mal-inkjesta, u r-*raid* jitmexxa bl-anqas inkonvenjent ghall-persuni involuti. Ma jidhirx li hu gust ghac-cittadin li, kif sar f’dan il-kaz, l-ispettur l-ewwel jordna lis-subalterni tieghu *“jissigillaw”* il-post, lill-persuna involuta ma jindikawla xejn dwar il ghalhiex qed isir ir-*raid*, u umbaghad, sieghat wara, meta huwa u l-esperti jkunu disponibbli, imorru biex jaghmlu l-indagini taghhom. F’socjeta’ demokratika, l-investigazzjonijiet m’ghandhomx jitmexxew minghajr konsiderazzjoni ghad-drittijiet u ghall-istat t’animu tal-persuni involuti. Kollox, ovvjament, jiddependi mic-cirkustanzi tal-kaz, izda meta m’hemmx htiega ta’ arrest immedjat (fl-interess tal-inkolumita’ pubblika), l-investigazzjonijiet ghandhom jitmexxew b’aktar rispett lejn ic-cittadin.

“L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, jipprotegi mhux biss kontra t-tehid tal-proprjeta`, izda anke kontra d-disturb tal-proprjeta`. Hekk l-awturi P. van Dijk u G.J.H. van Hoof fil-ktieb *“Theory and Practice of the European Convention on Human Rights”,* josservaw, f’pagna 625, li dan l-artikolu *“may also have been violated when a person has not been affected as to his property or possessions per se, but is not accorded on opportunity to use that property”*. F’dan il-kaz, il-Qorti thoss li s-socjeta` attrici giet, ghal xi zmien, mcahda minghajr raguni mid-dgawdija tal-possedimenti taghha, u wkoll saret hsara ghar-reputazzjoni taghha li, bi ftit koordinazzjoni, setghet tigi evitata. Il-Qorti tirripeti li l-Pulizija kellha kull dritt tesegwixxi *raid* u taghmel l-elevazzjoni, *pero’*, il-mod kif l-

operazzjoni giet kondotta, holoq anzjeta` u disturb bla bzonn fil-possedimenti tas-socjeta` attrici, u ghal dan l-agir, ghandu jinghata kumpens lis-socjeta` attrici.

"Is-socjeta' rikorrenti tallega wkoll li l-agir tal-intimat kien diskriminatorju, peress li *outlets* ohra f'Malta li jbieghu prodotti DVD legittimu ma gewx investigati. Il-Qorti ma jidhirlix li din l-allegazzjoni giet sostnuta. Mhux biss ma saretx prova fuq dan, izda jirrizulta wkoll li fil-kaz tas-socjeta` attrici kienet infethet inkjesta magisterjali, li ma jirrizultax li kien il-kaz ta' hwienet ohra. *Kwindi,* ma jistax isir ezami komporattiv ta' *"like with like"*, u l-lanjanza tas-socjeta` rikorrenti taht dan il-kap ma jistax jigi akkolt.

"Peress li l-ilment tas-socjeta` attrici gie milquh biss *in parte*, u, fil-fehma tal-Qorti, l-agir tal-Pulizija kien *"unfair"*, izda mhux ta' entita` gravissima, thoss li ghandha tordna l-hlas lis-socjeta` attrici tas-somma ta' Lm250 bhala kumpens ghal-gravan.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara li l-mod kif sar ir-*raid* mill-Pulizija fl-1 ta' Ottubru, 2001, invjola d-drittijiet ta' proprjeta' tas-socjeta` attrici kif protetta bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u tikkundanna lill-konvenut ihallas kumpens ta' Lm250 (mitejn u hamsin lira Maltin) lis-socjeta' attrici.

"L-ispejjez ta' din il-kawza, fic-cirkostanzi, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet."

**<u>L-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>**

**5.** Permezz ta' rikors ta' appell ippresentat fit-3 ta' April 2006 il-Kummissarju tal-Pulizija talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx li kien hemm ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, thassarha u tirrevokha fejn sabet li kien hemm ksur – cioe` ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea – kif ukoll fejn ikkundannatu jhallas mitejn u hamsin lira

(Lm250) bhala kumpens, u fejn ikkundannatu jhallas nofs l-ispejjez.

**6.** L-aggravji tal-Kummissarju huma, bazikament, is-segwenti:

i. Fl-ewwel lok il-Kummissarju jikkontendi li dak li sar b'ebda mod ma kien jivvjola l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Huwa jishaq li dak li sar jirrientra fl-eccezzjonijiet prospettati fil-paragrafi (*h*) u (*k*) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 37[5] tal-Kostituzzjoni kif ukoll fil-*proviso* tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni[6].

ii. Skond l-appellant, kullma ghamlu l-membri tal-Korp tal-Pulizija ghamluh taht id-direzzjoni tal-Magistrat li kienet qed tikkonduci l-inkjesta dwar l-*in genere*. Jirrileva li huwa stess kien kontra li ssir tali inkjesta. "Il-membri tal-Korp tal-Pulizija illi ppartecipaw fl-ezekuzzjoni tal-atti ta' elevazzjoni u tfittix maghmula in esekuzzjoni ta' l-istess inkjesta," ikompli jghid il-Kummissarju, "kienu taht id-direzzjoni tal-Magistrat Inkwirenti u mhux taht id-direzzjoni ta' min normalment imexxihom illi huwa l-Kummissarju tal-Pulizija."

iii. It-tielet aggravju, pedissekwu ghat-tieni wiehed, hu li, galadarba dak li sar kien qed isir skond il-ligi ghax ordnat mill-Magistrat, ma kien hemm xejn fl-esekuzzjoni tal-ordnijiet ta' l-istess Magistrat li b'xi mod ecceda l-poteri u d-diskrezzjoni ta' l-istess Magistrat, anke tenut kont tan-numru ta' hwienet u tal-merkanzija li kellhom jigu ezaminati u elevati. A propositu l-appellant jispecifika hekk: "Illi kif gie sottomess mill-esponent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, <u>ma kien hemm xejn fil-mod kif saret l-inkjesta illi ecceda l-poteri jew id-diskrezzjoni tal-Magistrat Inkwirenti</u> u ma ingiebet ebda

---

[5] *"Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta`...(h) fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati...(k) ghal dak iz-zmien biss sakemm ikun mehtieg ghall-finijiet ta' xi ezami, investigazzjoni, kawza jew inkjesta..."*

[6] *"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."*

prova illi l-awtorita` gudizzjarja jew il-Pulizija illi effetwaw l-elevazzjoni agixxew in mala fede fit-tmexxija ta' l-inkjesta." (sottolinear ta' din il-Qorti).

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**7.** Jibda biex jinghad li l-provi f'dan il-kaz jinsabu fl-atti tal-kawza civili Citaz. nru. 1770/01 TM[7]. Minn dawn l-atti jirrizulta li l-konvenut – intimat appellant fil-proceduri kostituzzjonali odjerni – ma ressaqx provi biex b'xi mod jirribatti jew jispjega l-provi migjuba mis-socjeta` attrici (rikorrenti appellata fil-proceduri *de quo*), li kienu jikkonsistu fid-deposizzjonijiet ta' Grace Borg tal-11 ta' Marzu 2003, 17 ta' Ottubru 2003 u 4 ta' Marzu 2004. L-unika prova migjuba mill-Kummissarju tal-Pulizija kienet kopja tronkata tal-*proces-verbal* relattiv ghall-fatti li taw lok ghal din il-kawza (u ghall-kawza ghad-danni) li giet presentata b'nota tal-14 ta' Marzu 2002 mill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Franco Bondin. Jinghad li kienet tronkata ghax meta din il-Qorti giet biex testendi s-sentenza odjerna, irrealizzat – haga li evidentement il-Prim Awla ma indunatx biha – li kien hemm diversi pagni nieqsa u li ma jsegwux. Kien ghalhekk li din il-Qorti, b'digriet kamerali moghti fil-presenza tad-difensuri tal-partijiet fl-1 ta' Gunju 2006, ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jezibixxa kopja intiera tal-istess *proces-verbal*, u dan sar permezz ta' nota ppresentata fl-1 ta' Gunju 2006. Filwaqt li l-kopja ezibita fl-14 ta' Marzu 2002 fiha biss disa' pagni, dik ezibita fl-1 ta' Gunju 2006 fiha dsatax-il pagna. Oltre dan bin-nota l-gdida l-Kummissarju tal-Pulizija ezebixxa diversi atti, verbali u deposizzjonijiet relatati mal-*proces-verbal*. Din il-Qorti m'ghandhiex ghaliex tahseb li dak li sar fl-14 ta' Marzu 2002 sar b'xi intenzjoni hazina – biex wiehed ikun selettiv u jezibixxi biss dak li jaqbillu – izda ghandha, fin-nuqqas ta' prova jew indikazzjoni kuntrarja, tassumi li dak li sar kien bi zvista genwina da parti ta' l-avukat li allura kien qed jassisti lill-Kummissarju tal-Pulizija. Jibqa' l-fatt, pero`, li meta wiehed jara l-atti l-godda li gew ezibiti, wiehed neccessarjament ikollu jirrevedi certi konkluzzjonijiet

[7] Ara nota *in calce* numru 1, *supra*.

bazici li waslet ghalihom l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

**8.** L-ewwel Qorti effettivament ikkonkludiet li ghalkemm "…l-awtorita` governattiva agixxiet legalment bis-sahha tal-poteri li ghandha…", il-mod kif dak il-poter gie fil-prattika ezercitat fil-kaz konkret kien jilledi d-dritt fondamentali tas-socjeta` rikorrenti, u dan minhabba li r-*raids* ma kienux ko-ordinati b'mod li s-socjeta` giet assoggettata ghal interferenza fil-proprjeta` taghha ghal zmien aktar milli kien ragjonevolment mehtieg fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Issa, apparti li din il-Qorti ma tifhimx ezattament ghal liema "awtorita` governattiva" kienet qed tirreferi l-ewwel Qorti, ossia jekk hux semplicement ghall-Pulizija jew ukoll ghall-Magistrat Inkwirenti – din ta' l-ahhar, awtorita` gudizzjarja u mhux governattiva – din il-Qorti tara li hemm punt aktar fondamentali li ma jidhirx li gie affrontat mill-ewwel Qorti (possiblment, kif ga nghad, peress li kellha quddiemha dokument – il-*proces-verbal* – li ma kienx shih), u dan minkejja li s-socjeta` rikorrenti appellata kienet qed tallega, fir-rikors promotorju, li d-DVD's "gew elevati minghajr gustifikazzjoni fil-ligi". Il-Kummissarju tal-Pulizija qed jibbaza d-difiza tieghu fuq tlett premessi, u cioe` (1) li hu kien qed jagixxi skond l-ordnijiet tal-Magistrat Inkwirenti, (2) illi l-Magistrat Inkwirenti agixxiet skond il-ligi, u (3) li per konsegwenza dak li sar kien jirrientra fl-eccezzjonijiet aktar 'l fuq imsemmija.

**9.** Issa, ma hemmx dubbju li l-Pulizija fil-kaz *de quo*, meta giet biex tara li ma jintmess xejn mill-hwienet tas-socjeta` appellata sakemm jasal fuq il-post l-espert tekniku nominat mill-Magistrat[8], kif ukoll sakemm elevat dak kollu li deherilha li kellu jigi elevat, kienet in parti qed tagixxi fuq l-ordnijiet ta' l-awtorita` gudizzjarja – jinghad "in parti" ghax, kif ser naraw aktar 'l quddiem[9], anke qabel ma ccaqilqet b'xi mod il-Magistrat Inkwirenti, l-Ispettur Helga

[8] Dana l-espert tekniku, persuna wahda, kellu, fost affarijiet ohra, "jassisti ghall-accessi fil-postijiet imsemmija fir-rapport tal-Pulizija, ikun presenti waqt li l-Ispetturi jelevaw id-diversi DVD's u CD's mill-istess stabbilimenti…" (ara fol. 2 tal-*proces-verbal*). Hu evidenti li din il-persuna ma setghetx tkun f'diversi postijiet fl-istess hin.
[9] Paragrafu 13, *infra*.

Debono kienet ga hadet inizjattiva fuq l-awtorita` taghha u/jew tas-superjuri taghha fil-Korp tal-Pulizija. Il-mistoqsija krucjali, pero`, hi: setghet il-Magistrat Inkwirenti fuq l-informazzjoni – "kwerela" – li kienet ingiebet a konjizzjoni taghha, tibda l-inkjesta li effettivament bdiet?

**10.** Fl-ewwel pagna tal-*proces-verbal*, redatt mill-Magistrat Inkwirenti, insibu li wara li hi giet infurmata telefonikament mill-Ispettur Mario Tonna li hu kien irceva "kwerela" dwar xi DVD's u CD's allegatament "mhux in konformi [recte: konformita`] mal-ligi", l-imsemmija Magistrat "…in vista ta' dak li hemm kontemplat fl-Artikolu 546 tal-Kap. 9 deherilha li kellha zzomm inkjesta peress illi kien qed jigi allegat ksur ta' ligi u kien hemm x'tippreserva…" Pero` l-Artikolu 546(1) tal-Kodici Kriminali, kif kien f'Ottubru tas-sena 2001[10], kien aktar preciz minn hekk. Dan kien jipprovdi:

**"Bla hsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli li jigu minnufih wara dan, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta' reat li dwaru ghandha ssir kompilazzjoni, u jekk is-suggett materjali tar-reat ikun ghadu jezisti, ghandu jigi deskritt l-istat tieghu, bid-dettalji kollha wiehed wiehed, u ghandu jigi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jgib l-effett. Ghall-finijiet ta' kull investigazzjoni bhal din ghandu jsir access fuq il-post."** (sottolinear ta' din il-Qorti)

Inkjesta – hekk imsejha "inkjesta dwar l-*in genere*" – ghall-anqas ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 546 tal-Kodici Kriminali[11], ma hix intiza biex jigi stabbilit jekk sarx reat, izda hi intiza sabiex, rappurtata, denunzjata jew kwerelata l-ezistenza ta' reat li dwaru ghandha ssir kumpilazzjoni, il-Magistrat ikun jista' jipprocedi ghall-accertament tal-*in genere* ossia tal-preservazzjoni tat-tracci materjali u (sa fejn hu possibbli) ta' kif dawn it-tracci materjali gew fis-sehh; u, jekk ikun il-kaz, sabiex jistabilixxi minn kien hati tar-reat (Art. 554 tal-Kap. 9). In fatti jekk wiehed jara d-definizzjoni ta' denunzja u ta' kwerela fl-Artikoli 535 u 538

[10] Ara l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002.
[11] Il-posizzjoni hija ftit differenti meta si tratta ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, ez. l-Artikolu 551 tal-Kodici Kriminali, jew l-Artikolu 298 tal-Kap. 16.

tal-Kodici Kriminali, wiehed mill-ewwel jintebah li mhux bizzejjed li jigi allegat li "jista' jkun hemm reat". Skond l-Artikolu 535(1), *"Kull persuna tista' taghmel denunzja lil ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva ta' reat li tkun taf bih b'kull mod li jkun…"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-kaz ta' kwerela (Art. 538), il-kwerelanti trid tkun il-parti offiza, hu hawn ukoll il-ligi tezigi l-ezistenza ta' reat u mhux is-semplici allegazzjoni li "jista' jkun gie kommess" reat: *"Kull persuna li jidhrilha li hi offiza b'reat u tkun trid taghmel kwerela ghall-kundanna tal-hati, jekk maghruf, jew, jekk mhux maghruf, fil-kaz li jinkixef, tista' taghmel din il-kwerela lil kull ufficjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra"* (sottolinear tal-Qorti). Presuppost importanti ghall-bidu ta' inkjesta bil-Magistrat huwa li r-reat li jkun gie rappuratat, denunzjat jew kwerelat ikun tali li dwaru ghandha ssir kumpilazzjoni (jew, fil-kliem aktar generali tal-Artikolu 540, irid ikun hemm reat li dwaru "ghandhom isiru proceduri").

**11.** Il-"kwerela" li l-Ispettur Mario Tonna, bhala l-Ispettur Inkarigat mill-Ghassa tal-Belt, ircieva u ghadda lill-Magistrat ma kienet fil-fatt kwerela xejn. Din (Dok. M a fol. 26 tal-kopja tal-*proces-verbal* ezibita mill-Kummissarju fit-2 ta' Gunju 2006) hija ittra mibghuta mill-Avukat Joseph Giglio a nom ta' seba' persuni[12] li fiha jinghad li huma kienu xtraw DVD's u CD's minn zewg stabbilimenti tas-socjeta` appellata, u li huma kienu qed isostnu "li [kienu] jew foloz jew qed jinbieghu mhux skond il-ligi" (sottolinear ta' din il-Qorti); l-ittra tkompli:

**"Fil-kaz li dawn huma mhux konformi mal-ligijiet relattivi, nitolbok tinvestiga l-akkadut u tiehu l-passi kollha opportuni in vista ta' dak fuq premess."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Is-seba' persuni li f'isimhom inkitbet l-ittra b'ebda mod ma jista' jinghad li kienu l-"parti leza" (*the injured party*) fir-rigward ta' xi reat li seta' talvolta qed issir referenza ghalih, u ghalhekk wiehed ma jistax jitkellem dwar kwerela, izda, se mai, dwar denunzja. L-ittra anqas tiddenunzja xi reat partikolari izda semplicement tghid li

[12] Jirrizulta li diversi minnhom huma *hawkers* fuq il-Monti.

"jista' jkun li gie kommess xi reat". L-uniku reat indikat bhala "possibbli" huwa dak kontemplat fl-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali – ksur tad-drittijiet ta' l-awtur[13] – li dwaru ebda procediment ma jista' jittiehed jekk mhux fuq il-kwerela tal-parti offiza (Artikolu 298B(2), Kap. 9). Fuq tali denunzja, ghalhekk, mhux biss il-Pulizija ma kienetx gustifikata li tiehu passi galadarba ma kienux il-*copyright holders* li kienu qed jitolbu li jittiehdu proceduri, izda anqas kien hemm reat li dwaru setghet issir kumpilazzjoni, peress li tali kumpilazzjoni kienet neccessarjament tirrikjedi l-kwerela tal-parti leza. Konsegwentement il-Magistrat ma kellha xejn quddiemha li kien jiggustifika li hija tibda inkjesta taht l-Artikolu 546(1) tal-Kodici Kriminali[14]. Jidher li f'xi stadju anke l-Kummissarju tal-Pulizija, presumibbilment wara li kien ikkonsulta ma' l-Avukat Generali, kien tal-fehma li ma kienx hemm lok ta' inkjesta dwar l-*in genere*. In fatti, fit-tieni paragrafu tal-*proces-verbal* jinghad hekk mill-istess Magistrat:

**"Illi ftit wara cempel il-Kummissarju tal-Pulizija u informa lill-Magistrat Inkwirenti li ma kienx hemm lok ta' inkjesta peress illi fil-fehma tieghu ma kien hemm xejn x'tippreserva u in oltre stqarr illi l-Avukat Generali qallu li fil-kazijiet ta' allegazzjonijiet ta' CD's u DVD's foloz jew irregolari m'hemmx lok ghal inkjesta."**

Fil-fatt ma hux korrett li jinghad li fil-kaz ta' CD's u DVD's foloz qatt ma hemm lok ta' inkjesta – biex tali inkjesta ssir, jew anke biex il-Pulizija jinvestigaw minghajr tali inkjesta, hemm bzonn il-kwerela tal-parti leza, li f'dan il-kaz ma kienx hemm. Mid-deposizzjonijiet ta' xi whud mill-persuni li f'isimhom inkitbet l-ittra mill-Avukat Giglio[15], jirrizulta li dik l-ittra jew "denunzja" kienet saret minnhom b'ritaljazzjoni

---

[13] Anke l-Magistrat, fil-process verbal taghha, waslet ghall-istess konkluzjoni: *"Illi ghalhekk prima facie jidher li d-DVD's li ma humiex ta' Region 2, ma jistghux jinbieghu f'Malta u ghalhekk prima facie jidher li hemm ksur ta' drittijiet tal-awtur skond l-artikolu 298B(1) tal-Kap. 9, ghalkemm id-determinazzjoni legali ta' natura kriminali tiddependi fuq il-kwistjoni jekk hemmx ksur tal-artikolu 7 tal-Kap. 415, liema ksur ghandu jigi determinat f'Sede Civili."*

[14] Il-"kwerela" li irceviet l-Ispettur Helga Debono (bhala *Duty Officer, Economic Crime Unit*) li kienet ukoll ittra ffirmata mill-Avukat Giglio, kienet, ghalkemm mhux identika, izda fl-istess sens ta' dik li kien ircieva l-Ispettur Tonna.

[15] Deposizzjonijiet li, kif inghad, il-Prim Awla ma kellhiex quddiemha.

jew ritorsjoni ghall-fatt li l-Pulizija, presumibbilment fuq talba tal-*copyright holders*, kienu qed jimpeduhom milli jbieghu oggetti fuq il-Monti bi ksur tad-drittijiet tal-awtur (ara, per ezempju, d-deposizzjoni ta' John Mary Difesa, Eugenio Frantz u Christopher Hughes).

**12.** Minn dan kollu isegwi li ma jistax jinghad, kif qieghed jippremetti l-appellant Kummissarju tal-Pulizija, li "ma kien hemm xejn fil-mod kif saret l-inkjesta illi ecceda l-poteri jew id-diskrezzjoni tal-Magistrat Inkwirenti". F'dan il-kaz, l-inkjesta tal-Magistrat ma kienitx in konformita` ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 546(1) tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk ma jistax jinghad li din saret skond il-ligi. Kien ezercizzju inutili b'hela ta' energija, zmien u flus. S'intendi, l-ufficjali tal-Pulizija kienu gustifikati li jsegwu l-ordnijiet tal-Magistrat Inkwirenti, ghax dawn l-ordnijiet taghha kienu "ordnijiet legittimi" ta' l-istess Magistrat in kwantu kienu *prima facie* regolari fil-forma u fil-kontenut taghhom[16]. Galadarba l-inkjesta ma saritx skond il-ligi, ma jistax jinghad li dak li sar fil-kors taghha jista' b'xi mod igawdi mill-eccezzjonijiet kontemplati fil-paragrafi (*h*) u (*k*) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew fil-*proviso* ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**13.** Peress li dana n-nuqqas kien principalment nuqqas ta' l-awtorita` Gudizzjarja, din il-Qorti kienet tkun propensa li tillibera lill-appellant mill-osservanza tal-gudizzju, galadarba ghan-nuqqasijiet tal-awtorita` Gudizzjarja ma jwegibx il-Kummissarju tal-Pulizija izda (f'kaz bhal dak in dizamina, meta ma jirrizulta li kien hemm ebda mala fede da parti ta' hadd) ghandu jwiegeb l-Avukat Generali f'isem l-iStat, li kieku ma kienx ghall fatt li mill-kopja tal-*proces verbal* ezibita fl-1 ta' Gunju 2006 jirrizulta li anke qabel ma bdiet l-inkjesta l-Magistrat, diga` kienu ittiehdu passi mill-Pulizija li kienu jammontaw ghal interferenza fil-proprjeta` tas-socjeta` appellata. In fatti, mill-*proces-verbal* jirrizulta li l-Ispettur Helga Debono marret biex tixhed quddiem il-Magistrat f'xi t-tmienja ta' filghaxija tal-1 ta' Ottubru 2001.

[16] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Austin Grech** App. Krim. 6/10/1992; **Il-Pulizija v. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** App. Krim. 25/6/1997.

Sa dan il-hin hija kienet diga`, bl-awtorita` tas-superjur dirett taghha, u ghalhekk mhux bl-awtorita` tal-Magistrat, hadet passi fuq il-“kwerela” li kienet saritilha bhala *Duty Officer – Economic Crime Unit* biex ma jkunux jistghu jintmessu l-oggetti fl-istabbilimenti (jew ghall-anqas f’xi whud minnhom) tas-socjeta `appellata. Dan jirrizulta mir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija (taht il-firma ta’ l-imsemmija Spettur Debono) b’risposta ghal rikors ta’ Visual and Sound Communications Limited ippresentat fl-1 ta’ Otturbru 2001. F’din ir-risposta jinghad, *inter alia*, hekk:

**“Illi ghall-habta tal-hamsa ta’ filghaxija l-esponent [17] gie infurmat illi sar rapport permezz ta’ kwerela ffirmata minn Dr Joseph Giglio LL.D. illi f’diversi hwienet tal-Exotique qieghed jinbiegh materjal ikkupjat;**

**“Illi l-esponent avzat b’dan ir-rapport lis-Supretendent Nicholas Ciappara;**

**“Illi harget ordni sabiex l-esponent tibghat numru ta’ pulizija mal-hwienet imsemmija f’diversi lokalitajiet sabiex jaraw illi ma johrog xejn mill-istabbilimenti sakemm ikun hemm ordnijiet;**

***(omissis)***

**“Illi meta l-esponent kienet sejra fejn il-Magistrat Inkwirenti sabiex taghti x-xiehda taghha, harget ordni minghand is-Supretendent Ciappara li jekk sar il-hin tal-gheluq, il-hwienet kellhom jaghlqu u dan gew infurmati bih il-pulizija li kienu fuq il-post u li kellhom jibqghu jaghmlu sorveljanza sabiex xejn ma jintmess mill-istabbilimenti.”**

Kif jirrizulta mit-tielet u mir-raba’ faccata tal-*proces-verbal*, l-ewwel darba li l-Magistrat Inkwirenti saret taf b’din il-kwerela li kienet giet mghoddija lill-Ispettur Debono u

---

[17] Evidentement hawnhekk hawn ftit ta’ konfuzjoni lingwistika. L-Ispettur qed tghid fir-realta` x’ghamlet hi, pero` tirreferi ghaliha nnifisha bhala “l-esponent”, meta l-esponent huwa proprjament il-Kummissarju tal-Pulizija li f’ismu kienet qed issir ir-risposta.

allura bl-ordnijiet li kien ta s-Supretendent Ciappara, kien ghal xi tmienja ta' filghaxija meta l-imsemmija Spettur, flimkien ma' l-Ispettur Tonna, marru biex jiddeponu quddiem il-Magistrat. Minn dak l-istadju gie deciz li z-zewg "kwereli" jimxu flimkien taht "inkjesta" wahda. Ghalhekk, indipendentement minn dak li kienet ordnat il-Magistrat, anke il-Pulizija kienu inizjaw proceduri meta ma kien hemm ebda gustifikazzjoni ghalihom stante li ma kien hemm ebda kwerela tal-parti leza u ma kien gie indikat ebda reat li dwaru setghet, fl-assenza ta' kwerela regolari, issir kumpilazzjoni.

**Decide**

**14.** Ghal dawn ir-ragunijiet, u ghalhekk mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mill-appellant Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------